



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

07416/26

LIMITE

CORLX 282
CFSP/PESC 403
COEST 213
FIN 424

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabilizzanti tar-Russja

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabilizzanti tar-Russja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-8 ta' Ottubru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643¹.
- (2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-16 ta' Marzu 2026, il-Kunsill ikkundanna bil-qawwa u żamm responsabbli lill-Federazzjoni Russa u lill-proxies tagħha għall-kampanji ibridi persistenti, koordinati, li ilhom jeżistu u li għandhom l-għan li jheddu u jdgħajfu s-sigurtà, ir-reżiljenza u l-pedamenti demokratiċi tal-UE, tal-Istati Membri tagħha u tas-sħab tagħha, kif ukoll idgħajfu l-appoġġ għall-Ukrajna u l-abbiltà tagħha li tiddefendi lilha nnifisha. Il-Kunsill iddikjara li ser ikompli jaġixxi b'determinazzjoni permezz ta' approċċ strateġiku biex jiġi miġġieled it-theddid ibridu tar-Russja, inkluż permezz ta' miżuri asimmetriċi u proporzjonati f'konformità mad-dritt internazzjonali.
- (3) L-Unjoni tibqa' soda fil-kundanna tagħha tal-attivitajiet malizzjużi tar-Russja diretti kontra l-Unjoni, l-Istati Membri tagħha, organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi terzi.
- (4) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li għaxar persuni fiżiċi u entità waħda jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2643 tat-8 ta' Ottubru 2024 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabilizzanti tar-Russja (ĠU L, 2024/2643, 9.10.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2643/oj>).

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

L-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrati li ġejjin jiżdiedu taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi":

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
"70.	Maria Vladimirovna DUDKO (bir-Russu: Мария Владимировна ДУДКО)	Funzjoni: Direttur tal-aġenzija tar-relazzjonijiet pubbliċi "Limitless" (Bezgranichnye) Data tat-twelid: 26.11.1994 Post tat-twelid: Stavropol, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Maria Dudko hija d-direttur tal-aġenzija Russa tar-relazzjonijiet pubbliċi "Limitless" (Bezgranichnye), iffinanzjata mill-gvern Russu permezz ta' għotjiet mill-Presidential Foundation for Cultural Initiatives, fondazzjoni maħluqa b'digriet tal-President Russu Vladimir Putin. Il-Presidential Foundation għall-Inizjattivi Kulturali tipprovdi għotjiet għal diversi proġetti, inkluż għal proġetti li jappoġġaw il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Il-finanzjament għall-aġenzija tar-relazzjonijiet pubbliċi "Limitless" ippemetta l-operazzjonijiet tal-aġenzija tar-relazzjonijiet pubbliċi. L-aġenzija tar-relazzjonijiet pubbliċi "Limitless" hija responsabbli għall-ġestjoni tal-influwenzaturi tal-Punent li jtennu n-narrattivi tal-Kremlin u punti ta' diskussjoni ta' propaganda favur il-gwerra, u b'hekk jiddestabilizzaw lill-Ukrajna u lill-alleati Ukreni billi jimlew l-isparju tal-informazzjoni bid-diżinformazzjoni. Maria Dudko hija wkoll involuta personalment fl-appoġġ ta' dawk l-isforzi.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Għalhekk, Maria Dudko qed tiffaċilita azzjonijiet jew politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu is-sovranità jew l-indipendenza ta' pajjiż terz (l-Ukrajna) bl-appoġġ tal-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza.	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
71.	Alexandra JOST (bir-Russu: Александра ЙОСТ) Magħrufa wkoll bħala: Sasha JOST (bir-Russu: Саша ЙОСТ)	Funzjoni: Blogger, influwenzatriċi tal-media soċjali Data tat-twelid: 15.5.1998 Post tat-twelid: Hong Kong, China Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Alexandra Jost hija influwenzatriċi tal-media soċjali li tgħix fir-Russja. Hija ilha topera b'mod attiv diversi kontijiet tal-media soċjali (X, Instagram, Tik Tok, You Tube, Telegram) mir-Russja taħt l-isem "Sasha meets Russia" jew "Sasha and Russia", b'firxa sinifikanti fost l-udjenza tal-Punent. Bniet bażi estensiva ta' segwaċi bl-iskuża ta' kontenut kulturali, filwaqt li ffukat fuq propaganda favur il-gwerra u favur il-Kremlin fir-rigward tal-Ukrajna, u b'appoġġ għall-istabbiliment politiku tal-Kremlin u l-forzi armati Russi. B'mod partikolari, hija kienet qed ixxerred id-diżinformazzjoni u tappoġġa l-pretensjonijiet territorjali neokolonjali tar-Russja fuq l-Ukrajna u l-invażjoni militari tal-Ukrajna, pereżempju billi tindirizza lill-President tal-Ukrajna Volodymyr Zelenskyy: "(...) Crimea is Russia and soon all of Ukraine will be too".	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Hija pproduċiet ukoll kontenut filwaqt li kienet qiegħda titħallas minn TV-Novosti, l-entità ġuridika wara l-organu tax-xandir tal-Istat Russia today (“RT”), li hija soġġetta għal miżuri restrittivi tal-Unjoni.</p> <p>Investigazzjoni indipendenti turi li Alexandra JOST irċeviet finanzjament mill-organu tax-xandir tal-istat "RT" b'medja ta' 170 000 rublu Russu (USD 2 000) fix-xahar fl-ewwel tliet trimestri tal-2024.</p> <p>Alexandra Jost u żewġha rċevew ukoll għotjiet ipprovduti mill-Fondazzjoni Presidenzjali għall-Inizjattivi Kulturali tal-Kremlin li ngħataw permezz tal-aġenzija tar-relazzjonijiet pubbliċi Limitless. Hija pparteċipat ukoll f'mill-inqas tliet avvenimenti kkoordinati fl-2025, inkluż ma' Maria Butina (li huwa individwu soġġett għal miżuri restrittivi tal-UE).</p> <p>Għalhekk, Alexandra Jost qed timplimenta, tappoġġa jew tiffaċilita azzjonijiet u politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Unjoni jew f'pajjiż terz (l-Ukrajna) billi tinvolvi ruħha, tappoġġa jew tiffaċilita b'xi mod ieħor l-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
72	Roman Yurevich ANTONOVSKI (bir-Russu: Роман Юрьевич АНТОНОВСКИЙ)	Funzjoni: Kittieb u pubbliċist Russu, propagandist, awtur tal-kanal Telegram "Sons of the Monarchy" Data tat-twelid: 30.11.1979 Post tat-twelid: Moscow, eks Russian SFSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Roman Antonovskii huwa kittieb, pubbliċist u propagandist Russu affiljat mal-organu tax-xandir favur il-Kremlin Tsargrad TV, u l-awtur tal-kanal Telegram "Sons of the Monarchy." Permezz tal-pubblikazzjonijiet, id-dehriet fil-media, u l-attivitajiet online tiegħu, huwa jxerred b'mod sistematiku narrattivi allinjati mal-propaganda tal-istat tal-Federazzjoni Russa. Roman Antonovskii jipromwovi u jilleġittimizza b'mod attiv l-aggressjoni armata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fil-komunikazzjonijiet u l-kitbiet pubbliċi tiegħu, ixerred propaganda kontra l-Ukrajna, jiddiżumanizza lill-Ukreni, u javvanza narrattivi ideoloġiċi tal-hekk imsejħa "dinja Russa", li jintużaw b'mod wiesa' mill-Kremlin biex jiġġustifika l-politiki espansjonisti tiegħu u l-annessjoni illegali tat-territorji Ukreni.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Huwa ċaħad ripetutament id-dritt tal-Ukrajna għas-sovranità u li tkun stat, filwaqt li jargumenta li t-territorji Ukreni għandhom jiġu inkorporati fil-Federazzjoni Russa u jirreferi għal reġjuni okkupati tal-Ukrajna billi juża kunċetti imperjali bħal "Little Russia" u "Novorossiya." Permezz ta' dawn l-istqarrijiet, Roman Antonovskii jipromwovi l-iżmantellar tal-Ukrajna bħala stat indipendenti u jappoġġa pubblikament l-espansjoni territorjali tal-Federazzjoni Russa.</p> <p>Għaldaqstant, Roman Antonovskii qed jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki attribwabbli għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Unjoni, tal-Istati Membri tagħha u ta' pajjiż terz (l-Ukrajna) billi jinvolvi ruħu fl-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza, u billi jappoġġa kunflitt vjolenti f'pajjiż terz (l-Ukrajna).</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
73.	Pavel Alekseyevich ASTAKHOV (bir-Russu: Павел Алексеевич АСТАХОВ)	Funzjoni: Politiku, avukat u personalità televiżiva Russu Data tat-twelid: 8.9.1966 Post tat-twelid: Moscow, eks Russian SFSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Pavel Astakhov huwa avukat Russu, personalità tal-media u eks Kummissarju Presidenzjali għad-Drittijiet tat-Tfal tal-Federazzjoni Russa (2009 sa 2016). Huwa għandu preżenza sostnuta u influwenti fil-media Russa allinjata mal-istat. Huwa ospita u deher fuq programmi tat-televiżjoni u tar-radju fuq organi li jinkludu REN TV u Radio Sputnik, fejn ikkummenta ripetutament dwar l-iżviluppi politiċi Ukreni u l-politika barranija Russa. Wara l-annessjoni illegali tal-Krimea fl-2014, Astakhov appoġġa pubblikament l-inkorporazzjoni tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa u approva narrattivi uffiċjali li jiġġustifikaw l-azzjonijiet Russi fl-Ukrajna. Huwa vvjaġġa wkoll lejn territorji tal-Lvant tal-Ukrajna okkupati mir-Russja, fosthom ir-reġjun ta' Donbas, fejn kien involut f'attivitajiet pubbliċi ppreżentati bħala missjonijiet umanitarji jew għall-protezzjoni tat-tfal. Dawk iż-żjarat twettqu mingħajr il-kunsens tal-awtoritajiet Ukreni u kkontribwew għal-leġittimizzazzjoni tal-istrutturi appoġġati mir-Russja li joperaw f'dawk it-territorji.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Permezz tad-dikjarazzjonijiet pubbliċi, l-attivitajiet tal-media u l-produzzjonijiet awdjoviżivi tiegħu, Pavel Astakhov involva ruħu u appoġġa t-tixrid ta' narrattivi allinjati mal-oġġettivi strateġiċi tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa, inkluż narrattivi li jiġġustifikaw il-ksur tas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna u li jiskreditaw lill-Ukrajna. Għaldaqstant, qed jappoġġa, jimplimenta u jiffaċilita azzjonijiet u politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu u jheddu l-istabbiltà u s-sigurtà fl-UE, fl-Istati Membri tagħha u fpajjiż terz (l-Ukrajna) billi jinvolvi ruħu fl-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza, u billi jappoġġa kunflitt vjolenti fpajjiż terz (l-Ukrajna).</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
74.	Olga Adolfovna KIRIY (bir-Russu: Ольга Адольфовна КИРИЙ)	Funzjoni: Ċittadina Russa u ġurnalista u produttur għal RT Documentary Data tat-twelid: 19.7.1968 Post tat-twelid: Tambov, eks Russian SFSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Olga Kiriy hija ċittadina Russa u ġurnalista u produttur għal RT Documentary, organu tax-xandir ikkontrollat mill-istat li għandu rwol ċentrali fil-gwerra tal-informazzjoni tal-Kremlin. Hija tikkontribwixxi b'mod sistematiku għat-tixrid ta' narrattivi ta' diżinformazzjoni bil-għan li jiġġustifikaw il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-ħidma tagħha tappoġġa direttament l-oġġettivi ta' komunikazzjoni strateġika tal-Kremlin billi tpinġi lill-Ukrajna bħala stat "faxxist" jew "tossiku" u billi tilleġittimizza l-azzjonijiet militari tar-Russja. Olga Kiriy hija l-awtriċi u l-produttur ta' diversi films ta' propaganda, fosthom Azovstal (2022), The Victims Speak... (2023), Cossacks (2023), I Blame Fascism (2025), u Ukraine's Toxic War (2025). Dawn il-produzzjonijiet jimplifikaw in-narrattivi ewlenin tal-Kremlin, jgħawġu l-fatti dwar is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, u jfittxu li jinfluwenzaw kemm l-udjenzi domestiċi kif ukoll dawk internazzjonali. Permezz tal-attivitajiet tagħha, Olga Kiriy tipparteċipa b'mod attiv f'kampanji ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin, orkestrati mill-istat Russu.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Il-ħidma tagħha hija mifruxa fir-Russja kif ukoll barra mill-pajjiż, inkluż permezz tal-kampanji promozzjonali internazzjonali ta' RT Documentary u l-parteċipazzjoni f'avvenimenti barranin, screenings, u inizjattivi tal-media. Tali attivitajiet għandhom l-għan li jevitaw ir-restrizzjonijiet eżistenti fuq il-media tal-istat Russu u li jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika fil-pajjiżi terzi.</p> <p>Bis-saħħa tal-pożizzjoni u l-attivitajiet tagħha, Olga Kiriya qed tappoġġa, timplimenta u tiffaċilita azzjonijiet u politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li jdgħajfu u jheddu l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Unjoni, fl-Istati Membri tagħha u f'pajjiżi terzi (l-Ukrajna) billi tinvolvi ruħha fl-użu ta' manipolazzjoni tal-informazzjoni u interferenza, u tappoġġa kunflitti vjolenti f'pajjiżi terzi (l-Ukrajna).</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
75.	Igor Valentinovich MALTSEV (bir-Russu: Игорь Валентинович МАЛЬЦЕВ)	Funzjoni: artikolista għal "RT in Russian", "Life", "Kommersant", kittieb Russu, pubbliċist, preżentatur tat-televiżjoni u ġurnalista Data tat-twelid: 26.10.1958 Post tat-twelid: Leningrad, eks Russian SFSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Igor Maltsev huwa ġurnalista, kittieb u kummentatur tal-media Russu li juża organi ewlenin favur il-Kremlin (inkluż RT, Life, Kommersant) biex ixerred il-propaganda, id-diżinformazzjoni, u n-narrattivi bil-għan li: jiddgħajfu l-istat u s-sovranità tal-Ukrajna, tiġi skreditata t-tmexxija politika u militari tal-Ukrajna, u jiddgħajjef l-appoġġ tal-Punent għall-Ukrajna. Igor Maltsev jappoġġa apertament l-invażjoni fuq skala sħiħa tal-Ukrajna mir-Russja u jiġġustifika l-okkupazzjoni tat-territorju Ukren. Fl-outputs tal-media u l-kanal Telegram tiegħu, Igor Maltsev jigglorifika l-persunal militari Russu, il-gruppi armati illegali, il-merċenarji, u l-amministraturi tal-okkupazzjoni u jesprimi ammirazzjoni għal Vladimir Putin. Ippromwova wkoll loġġba vidjo tal-Ministeru għad-Difiża Russu, intitolata Squad 22: ZOV, li tiċċelebra l-parteċipanti tal-invażjoni, filwaqt li tiskredita lid-difensuri Ukreni.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Igor Maltsev regolarment jikklassifika lis-soldati Ukreni bħala "fanatiċi Nażisti", jakkużahom b'mod falz b'abbuż tal-gwerra u tal-priġunieri. Hu wkoll ixerred diżinformazzjoni dwar "kaos," "kriminalità rampanti," u "sakkeġġ fuq skala kbira" fi Kiev, u javvanza narrattivi foloz li juru lill-Ukrajna bħala ċentru globali tat-traffikar illegali tal-armi.</p> <p>Billi jxerred b'mod konsistenti tali narrattivi, Igor Maltsev qed jappoġġa, jimplimenta u jiffaċilita azzjonijiet u politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li jdgħajfu u jheddu l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Unjoni, fl-Istati Membri tagħha u fpajjiż terz (l-Ukrajna) billi jinvolvi ruħu fl-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza, u jappoġġa kunflitt vjolenti fpajjiż terz (l-Ukrajna).</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
76.	<p>Maria Yurievna VOLKONSKAYA</p> <p>(bl-Ukren: Марія Юрїївна ВОЛКОНСЬКА; bir-Russu: Мария Юрьевна ВОЛКОНСКАЯ)</p>	<p>Funzjoni: Kap Editor ta' "Krymskaya Gazeta"</p> <p>Data tat-twelid: 13.7.1985</p> <p>Post tat-twelid: Yalta, eks Ukrainian SFSR (issa Ukraine)</p> <p>Nazzjonalità: Ukrena, Russa</p> <p>Sess: mara</p>	<p>Maria Volkonskaya hija propagandista Russa, eżekuttiva tal-media u kap editor tal-gazzetta kkontrollata mill-istat "Krymskaya Gazeta".</p> <p>Maria Volkonskaya għandha rwol attiv fis-sistema ta' propaganda tal-istat Russu u regolarment ixxerred narrattivi ostili u manipulattivi mmirati lejn l-Ukrajna. Permezz tal-ħidma editorjali u l-kummentarju pubbliku tagħha, hija tippromwovi bil-qawwa r-retorika kontra l-Ukrajna, inkluż narrattivi li jiddiżumanizzaw lill-Ukreni u juru lill-Ukrajna u lill-awtoritajiet tagħha bħala illeġittimi jew estremisti. Il-pubblikazzjonijiet tagħha jikkontribwixxu għall-ġustifikazzjoni tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u għall-mobilizzazzjoni tal-appoġġ pubbliku għall-azzjonijiet militari Russi.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Maria Volkonskaya xxerred ukoll diżinformazzjoni dwar is-sħab internazzjonali tal-Ukrajna, fosthom il-Polonja u stati oħra tal-Punent, u tpinġihom bħala atturi ostili li allegatament jimmanipulaw jew jisfruttaw l-Ukrajna. Permezz ta' tali narrattivi hija tfitteq li ddgħajjed l-appoġġ internazzjonali għall-Ukrajna u li tiżvija l-fehim pubbliku tar-rwol tal-pajjiżi tal-Punent fil-kunflitt.</p> <p>Permezz tat-tixrid sistematiku tagħha ta' propaganda u diżinformazzjoni kontra l-Ukrajna, inkluż narrattivi mmirati lejn id-diżumanizzazzjoni tal-Ukreni, it-tgħawwiġ ta' fatti storiċi, u l-iskreditar tas-sħab tal-Ukrajna, Maria Volkonskaya qed tappoġġa, timplimenta u tiffaċilita azzjonijiet u politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Unjoni u fl-Ukrajna, permezz tal-involvement fl-użu ta' manipolazzjoni tal-informazzjoni.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
77.	Anatoly Aleksandrovich KUZICHEV (bir-Russu: Анатолий Александрович КУЗИЧЕВ)	Funzjoni: Preżentatur tar-radju u tat-televiżjoni, artikolista, u produttur. Preżentatur tal-programm "Vremya Pokazhet" fuq l-istazzjon "One", u l-programm televiżiv All-Russia People's Front Data tat-twelid: 15.5.1969 Post tat-twelid: Moscow, eks Russian SFSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Anatoly Kuzichev huwa propagandist Russu prominenti li jxerred b'mod attiv propaganda u diżinformazzjoni Russi biex jiġġustifikaw il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa jiddikjara apertament li jipparteċipa fi gwerra ta' informazzjoni min-naħa tar-Russja, filwaqt li jafferma li l-prinċipji ġurnalistiċi ma japplikawx matul il-gwerra u li jiddefendi l-pożizzjoni tar-Russja. Anatoly Kuzichev konsistentement juri lill-Ukrajna bħala stat aggressiv, qarrieqi u repressiv, ikkontrollat minn estremisti u appoġġat mill-Punent. Huwa jsostni li r-Russja kienet imġiegħla tidħol fil-kunflitt, li t-tmexxija u s-soċjetà Ukreni huma motivati minn ostilità lejn ir-Russi, u li l-pressjoni militari, inkluż attakki u qtil immirat, hija kemm meħtieġa kif ukoll ġustifikata. Huwa jxejjen it-taħditiet ta' paċi bħala dannużi, jikklassifika lill-Ukreni li jopponu lir-Russja bħala tradituri jew terroristi, u jpinġi lill-gwerra bħala ġlieda difensiva u leġittima. Għalhekk, Anatoly Kuzichev qed jimplimenta u jappoġġa azzjonijiet u politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Unjoni u f'pajjiż terz (l-Ukrajna), permezz ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza kkoordinati, kif ukoll permezz ta' instigazzjoni u appoġġ għall-kunflitt vjolenti fil-pajjiż terz (l-Ukrajna).	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
78.	Georgiy Aleksandrovich SHEVKUNOV (bir-Russu: Георгий Александрович ШЕВКУНОВ)	Funzjoni: Isqof tal-Knisja Ortodossa Russa, Metropolitan of Simferopol and Crimea, Kap tal-Crimea Metropole; Viċi President tal-Kunsill Pubbliku taħt il-Ministeru għall-Edukazzjoni tar-Russja Data tat-twelid: 2.7.1958 Post tat-twelid: Moscow, eks Russian SFSR (issa Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Georgiy Shevkunov huwa Isqof tal-Knisja Ortodossa Russa li għandu rwol attiv fit-tixrid tal-propaganda u d-diżinformazzjoni Russa bil-għan li jiġġustifikaw l-aggressjoni armata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Georgiy Shevkunov ixxerred b'mod sistematiku d-diżinformazzjoni favur il-Kremlin, inkluż dikjarazzjonijiet ta' "Nażiżmu" fl-Ukrajna. Huwa wkoll jiċċad is-sovranià tal-Ukrajna, u jiġġustifika l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja bħala meħtieġa, difensiva u sanzjonata b'mod divin. Permezz ta' prietki, pjattaformi tal-media, proġetti kulturali ffinanzjati mill-istat, u l-ġbir dirett ta' fondi għat-truppi Russi fil-Krimea okkupata, huwa jippromwovi u jiffaċilita l-azzjonijiet militari tar-Russja. Għalhekk, Georgiy Shevkunov qed jimplementa u jappoġġa azzjonijiet u politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Unjoni u f'pajjiż terz (l-Ukrajna), permezz ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza kkoordinati, u bl-appoġġ tiegħu ta' kunflitt vjolenti fil-pajjiż terz (l-Ukrajna).	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
79.	Kirill FEDOROV (bir-Russu: Кирилл ФЕДОРОВ)	<p>Pożizzjoni: Blogger militari, awtur tal-kanal Telegram "Kirill Fedorov / War. History of Weapons" ("Kirill Fedorov / Voina. Istorija Oruzhiya"), preżentatur ta' programm oriġinali fuq l-istazzjon ta' propaganda Russu "Solovyov LIVE"</p> <p>Data tat-twelid: 3.9.1991</p> <p>Post tat-twelid: Riga, Latvia</p> <p>Nazzjonalità: Latvjana</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Kirill Fedorov huwa propagandist u korrispondent militari prominenti li għandu rwol attiv fit-tixrid tal-propaganda u d-diżinformazzjoni Russa bil-għan li jiġġustifikaw il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.</p> <p>Kirill Fedorov ipiŋgi lit-territorji Ukreni okkupati bħala "liberati". Huwa jiġbor ukoll flus għall-unitajiet tal-ewwel linja Russi, u jippreżenta lill-nnifsu bħala organizzatur volontarju filwaqt li juża dawn il-kampanji biex ikompli jsaħħaħ il-messaġġi favur il-gwerra. Fil-kontenut li joħloq, Kirill Fedorov jamplifika d-diżinformazzjoni u d-dikjarazzjonijiet mhux ivverifikati, u spiss jippreżenta l-avvenimenti b'modi li jiskreditaw lill-Ukrajna u jiġġlorifikaw il-forzi Russi.</p> <p>Għalhekk, Kirill Fedorov qed jimplimenta, jappoġġa u jiffaċilita azzjonijiet u politiki attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Unjoni u f'pajjiż terz (l-Ukrajna), permezz ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza kkoordinati, u bl-appoġġ tiegħu ta' kunflitt vjolenti fil-pajjiż terz (l-Ukrajna).</p>	+”;

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(2) L-entrata li ġejja tiżdied taħt l-intestatura "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi":

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
"20.	<p>Presidential Foundation for Cultural Initiatives/ PFKI</p> <p>(bir-Russu: Президентский Фонд Культурных Инициатив / ПФКИ)</p>	<p>Iindirizz: Sredniy Ovchinnikovsky 8, Moscow, Russian Federation</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 1.6.2021</p> <p>OGRN: 1217700257170</p> <p>INN: 9704068763</p>	<p>Il-Presidential Foundation for Cultural Initiatives hija fondazzjoni maħluqa b'digriet tal-President Russu Vladimir Putin. Tipprovdi għotjiet għal diversi proġetti, inkluż għal proġetti li jappoġġaw il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Dik il-fondazzjoni pprovdi ukoll finanzjament għall-aġenzija tar-relazzjonijiet pubbliċi (PR) "Limitless" (Bezgranichnye), u b'hekk ippermettiet l-operazzjonijiet tagħha. L-aġenzija tar-relazzjonijiet pubbliċi "Limitless" hija responsabbli għall-ġestjoni tal-influenzaturi tal-Punent li jtennu n-narrattivi tal-Kremlin u punti ta' diskussjoni ta' propaganda favur il-gwerra, u b'hekk jiddestabilizzaw lill-Ukrajna u lill-alleanzi Ukreni billi jimlew l-ispazju tal-informazzjoni bid-diżinformazzjoni.</p> <p>Peress li l-Presidential Foundation for Cultural Initiatives ffinanzjat dawk l-attivitajiet tal-aġenzija tal-PR "Limitless", hija involuta f'azzjonijiet attribwibbli lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu is-sovranità jew l-indipendenza ta' pajjiż terz (l-Ukrajna) bl-appoġġ jew inkella l-faċilitazzjoni tal-użu ta' manipolazzjoni tal-informazzjoni u interferenza.</p>	<p>+</p>

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.